**Għaliex Ġuda?**

X'fettillek Ġuda titradixxi
Lill-Imgħallem li kien iħobbok,
Fejn huma dawk li wegħduk saltna
Biex ħallewk hekk ma min jogħbodok?

Għaliex għażilt bewsa biex biha
Titradixxi lil Dak li ħabbek,
X'se tagħmel issa 'l bogħod minnu
Mhux xorta jibqa' Dak li ħalqek?

Għaliex titbiegħed minn dan id-Dawl
Li għalik idda fid-dlam tiegħek?
Fejn se jeħduk ħija hekk mogħmi?
Ħa jtuk is-sliem l'għandek bżonn miegħek?

Qed naraha l-ħarsa mtaqqla tiegħek
Ħarsa tqila u li m'għandiex kwiet,
Ara tiftakarx f'dal-kbir uġiegħ
Fl-Iskrittura? Int taf xi siltiet?

Kemm int ħosbien u diġa qtajtha
Li għalik maħfra ma teżiżtix,
Mintix tarah l-Imgħallem, qiegħed
Iħares lejk, la tirreżiżtix.

Qtajtha int il-kundanna tiegħek
Kemm qed tħaffef biex tlesti kollox,
Nitolbok, bħal Pietru għajjatlu
Kliemu jfejjaq u qatt ma jobrox.

Xorta waħda għamilt ta' rasek
X'qasma ta' qalb narak titbandal,
Għalik nibqa' nitlob għal dejjem
Sakemm il-grazzja lili tqanqal.

Ejjew ħuti bil-qalb nitolbu
Għal min għadda minn dil-ġrajja,
Lil kull wieħed minnhom Kristu jgħid:
"Irrid inħaddnek bejn dirgħajja".

Patri Mario Attard OFM Cap
16 t'April 2025

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.